V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8718 — Starwood Capital Group/Accor/Sofitel Budapest Chain Bridge Hotel)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 428/14)

1. Fl-1 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Starwood Capital Group (l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Accor-Pannonia Hotels Zrt. (l-Ungerija), li tappartjeni għall-Accor Group (Franza)

— Sofitel Budapest Chain Bridge Hotel (l-Ungerija), ikkontrollata biss minn Accor-Pannonia Hotels Zrt. (il-"Mira")

Starwood Capital Group u Accor-Pannonia Hotels Zrt. jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Sofitel Budapest Chain Bridge Hotel, li bħalissa hija kkontrollata unikament minn Accor-Pannonia Hotels Zrt.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri tal-ishma/tal-assi u kuntratt ta' ġestjoni.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Starwood Capital Group: Ditta ta' investiment privat bbażata fl-Istati Uniti tal-Amerika, b'enfasi ewlenija fuq il-proprjetà immobbli dinjija.

— għal Accor-Pannonia Hotels Zrt.: kumpanija privata rreġistrata skont il-liġi Ungeriża, ultimament ikkontrollata minn Accor SA, grupp multinazzjonali tal-lukandi Franċiż.

— il-Mira: magħmula mill-bini fiżiku u negozju avvjat, hija lukanda ta' lussu (ħames stilel), li tikkonsisti fi 357 kamra u suites tal-lukanda, u diversi faċilitajiet (ristoranti, barijiet, kmamar tal-laqgħat, spa u wellness centre, parkeġġi għall-karozzi u spazji kummerċjali għall-kiri), li tinsab f'Budapest, l-Ungerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

M.8718 — Starwood Capital Group/Accor/Sofitel Budapest Chain Bridge Hotel

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË